# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 11**

**Rikors numru 115/12/1 BS**

**Kunsill Lokali Victoria**

**v.**

**Gatt Asphalting Limited (C20390)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-Kunsill Lokali Victoria minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), nhar l-24 ta' Ġunju, 2020, li permezz tagħha kkundannat lil Gatt Asphalting Limited sabiex tħallasha somma anqas minn kemm kienet talbet fir-rikors maħluf.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-28 ta' Novembru, 2012, Miriam Attard, fil-kapaċità tagħha bħala Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, fissret li f'Lulju tas-sena 1997, il-kumpanija konvenuta Gatt Asphalting Limited ħadet sehem f'sejħa għall-offerti, li l-istess Kunsill ħareġ dwar it-twettiq ta' xogħlijiet infrastrutturali, fi Triq it-Tmienja ta' Diċembru, ġewwa l-lokalità tar-Rabat, Għawdex.

3. Stqarret li dik is-sejħa għall-offerti kienet regolata bil-kundizzjonijiet mehmuża flimkien mar-rikors maħluf, u qalet li fosthom kien hemm dik bin-numru 23 li taqra bil-mod kif ġej: *«Il-Kuntrattur għandu b'mod sħiħ u effettiv u fi żmien sebat ijiem mit-talba għal dak il-ħlas jindennizza lill-Kunsill Lokali kontra kull danni, spejjeż, telf, talbiet jew proċeduri li joħorġu minn, jew matul, jew minħabba l-Kuntratt li għalih il-Kuntrattur hu legalment responsabbli.»*

4. Billi l-offerta ta' Gatt Asphalting Limited kienet l-aktar waħda vantaġġuża, il-Kunsill qabbad lil dik il-kumpanija biex twettaq dawk ix-xogħlijiet. Ġara però li waqt li kienu qegħdin jitwettqu tali xogħlijiet, u sewwasew fil-jum tas-16 ta' April, 1998, ċertu George Grech, ġarrab ġrieħi gravi u dan f'indiċent bil-mutur li kellu f'dik l-istess triq.

5. Dan George Grech ressaq kawża kontra l-Kunsill, Gatt Asphalting Limited u oħrajn, sabiex jitħallas tad-danni li ġarrab, u b'sentenza mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2009, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet hekk: (i) li George Grech kellu jerfa' responsabbiltà ta' terz minħabba l-kontribut tiegħu għal dak l-inċident, filwaqt li l-bqija tar-responsabbiltà kienet tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex u ta' Gatt Asphalting Limited; (ii) li l-Kunsill Lokali u Gatt Asphalting Limited kellhom, flimkien bejniethom, iħallsu lil Grech id-danni fl-ammont ta' €15,094.34; u (iii) li l-ispejjeż tal-proċeduri kollha kellhom jitħallsu fl-ishma ta' terz minn George Grech stess, filwaqt li l-bqija mill-Kunsill u Gatt Asphalting Limited.

6. Wara din id-deċiżjoni, George Grech talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv (mandat numru 227/2009) kontra l-Kunsill u Gatt Asphalting Limited, u fid-dawl ta' dan, is-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill stqarret li l-istess Kunsill spiċċa biex ħareġ waħdu kemm l-ammont sħiħ tal-kumpens, kif ukoll is-sehem kollu ta' żewġ terzi tal-ispejjeż ġudizzjarji, li flimkien bejniethom telgħu għal €19,411.59.

7. Fuq ir-raġuni li kien kollu ta' xejn għall-Kunsill li jitlob lil Gatt Asphalting Limited sabiex troddlu lura dawk il-flejjes, kif ukoll fuq il-premessa li b'riħet klawsola 23 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt dak l-ammont huwa wieħed ċert, likwidu u dovut, il-Kunsill Lokali tar-Rabat

Għawdex talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«I. Tisma' u tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *II. Tiddikjara li s-soċjetà intimata għandha tindennizza lill-esponenti s-somma ta' dsatax-il elf u erba' mija u ħdax-il ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€19,411.59c) flimkien mal-imgħax dekors mid-data li fih tħallset din is-somma sad-data tal-pagament tal-indennizz relattiv;*
>
> *III. Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas dan l-ammont hekk mitlub*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata u bl-imgħax legali mid-data ta' meta sar il-ħlas effettiv ta' din is-somma, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

8. Fis-17 ta' Diċembru 2012, il-kumpanija Gatt Asphalting Limited fissret li hija kellha bosta eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet tal-Kunsill Lokali, u b'digriet mogħti fil-miftuħ waqt is-seduta tat-18 ta' Diċembru, 2012 (f'paġna 95 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ħalliet lill-istess Gatt Asphalting Limited sabiex tressaq tweġiba maħlufa għal dan il-għan.

9. Bi tweġiba maħlufa mressqa fl-4 ta' Jannar, 2013, Gatt Asphalting Limited laqgħet għall-kawża billi qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza li tisma' u tiddeċiedi din il-pendenza u dan għaliex skont il-paragrafu 40 intitolat bħala «Deċiżjoni ta' Kwistjonijiet» fil-Kundizzjonijiet tas-Sejħa tal-Offerti li jinsabu fid-dokument «A» ippreżentat mill-istess Kunsill Lokali Victoria, huwa ċar li fejn hemm kwistjonijiet jew differenzi bejn il-partijiet relattivi għal dik is-Sejħa dawn għandhom ikunu deċiżi taħt ir-Regoli u l-Proċeduri tal-Arbitraġġ stabbiliti bil-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din l-Qorti għandha tiddeċiedi din l-eċċezzjoni preliminari bl-ispejjeż kontra l-istess Kunsill Lokali attur;*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont speċifiku ta'*

*dsatax-il elf u erba' mija u ħdax-il ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (EUR19,411.59) mitlub mill-Kunsill Lokali fir-rikors ġuramentat mhuwiex dovut u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talba kif magħmula bl-ispejjeż kontra l-istess Kunsill Lokali attur;*

*3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjetà intimata ma għandhiex tħallas għad-danni sofferti minn terzi ġaladarba dan kien riżultat ta' delitt jew kważi-delitt u mhux minħabba xi nuqqas kuntrattwali da parti tagħha u għalhekk it-talba kif imposta da parti tal-Kunsill Lokali għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess Kunsill;*

*4. Illi inoltre u dejjem mingħajr preġudizzju għal dak li diġà ġie espost aktar 'il fuq, il-Kunsill Lokali Victoria naqas fl-obbligi tiegħu skont is-sejħa tal-offerti li jagħmel referenza għaliha l-istess Kunsill u allura s-soċjetà intimata, jekk għandha xi responsabbiltà għall-akkadut, dan għandu jiġi stabbilit fid-dawl tal-istess kundizzjonijiet li jinsabu fid-dokument sħiħ relattiv għas-sejħa tal-offerti li għalih saret referenza mill-istess Kunsill Lokali Victoria;*

*5. Salv raġunijiet oħra.»*

10. B'sentenza mogħtija fl-24 ta' Settembru, 2013 (f'paġni 100 sa 115 tal-atti tal-kawża) l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Gatt Asphalting Limited, bl-ispejjeż kontriha, u ordnat il-mixi 'il quddiem tal-kawża.

11. B'digriet mogħti fil-miftuħ waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju, 2014 (f'paġna 140 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Kunsill Lokali tar-Rabat sabiex l-atti tal-kawża fl-ismijiet ta' ***George Grech et v. Direttur tat-Toroq et*** (Kawża Nru. 213/1998) jiġu mehmuża flimkien mal-atti ta' din il-kawża.

12. B'sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2020, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża billi: (i) astjeniet milli tieħu qies tal-ewwel talba; (ii) laqgħet it-tieni

u t-tielet talbiet, b'dana li kkundannat lil Gatt Asphalting Limited sabiex tindennizza lill-Kunsill Lokali tar-Rabat, iżda sas-somma biss ta' €6,832.92, flimkien mal-imgħax ta' 8% mill-jum tal-ġbid ta' dik is-somma minn George Grech; u fl-aħħar nett, (iii) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

13. Ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni huma dawn:

> *«IKKUNSIDRAT.*
>
> *Mill-atti jirriżulta din is-sekwenza ta' fatti: Fl-199[8] is-soċjetà konvenuta rebħet tender maħruġa wara sejħa mill-Kunsill attur biex tagħmel xogħlijiet fit-Triq 8 ta' Diċembru. Sfortunatament seħħ inċident tat-traffiku fl-istess triq u weġġa' George Grech. Dan tal-aħħar fetaħ kawża illi sabet lill-partijiet f'din il-kawża it-tnejn, solidalment responsabbli għad-danni. Kien hemm appell u l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi terz mill-ħtija kienet ta' George Grech u ż-żewġ terzi l-oħra ammontanti għal ħmistax–il elf u erbgħa u disgħin ewro u tletin ċenteżmu (€15,094.30) kienu responsabbli in solidum għalihom il-partijiet f'din il-kawża.*
>
> *Jirriżulta illi bis-saħħa ta' mandat ta' sekewstru, maħruġ fuq talba ta' George Grech, allura sekwestrant, kontra l-partijiet li issa saru sekwestrati, il-Kunsill Lokali ddepożita ġudizzjarjament l-ammont ta' tlettax–il elf sitt mija ħamsa u sittin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€13,665.85), liema ammont ġie żbankat mill-imsemmi George Grech.*
>
> *Il-Kunsill issa qed jippretendi li s-soċjetà konvenuta tirrifondih l-ammont kollu li ħallas sal-preżentata tal-kawża odjerna għax skont hu l-klawsola 23 tal-kundizzjonijiet ġenerali jobbligaw lis-soċjetà konvenuta illi tindenizza lill-Kunsill dawn l-ispejjeż.*
>
> *Klawsola 23 tgħid hekk :*
>
> > *«23. Responsabbiltà tal-Kuntrattur.*
> >
> > *(a) Il-Kuntrattur għandu b'mod sħiħ u effettiv u fi żmien sebat ijiem mit-talba għal dak il-ħlas jindennizza lill-Kunsill Lokali kontra kull danni, spejjez, telf, talbiet jew proċeduri li joħorġu minn, jew matul, jew minħabba l-Kuntratt li għalih il-Kuntrattur hu legalment responsabbli.*

> *(b) Il-Kuntrattur għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' kull liċenzja, permess esklużi permessi miġjuba mill-Kunsill taħt l-Artikolu 8(a) jew assigurazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-Kuntratt.»*

*Fil-fehma tal-Qorti s-subklawsola illi hija ta' interess għal din il-kawża hija (a) billi l-Kunsill, a bażi ta' din is-subklawsola jargumenta illi l-konvenut għandu l-obbligu illi jħallas l-ammont dovut. Il-frażi illi hija l-muftieħ ta' din is-subklawsola hija «...l-kuntratt li għalih il-Kuntrattur hu legalment responsabbli.» Ir-referenza hawnhekk hija għall-kuntratt u l-Qorti fliet b'attenzjoni d-dokumenti esebiti mill-Kunsill attur minn fol. 295 sa fol. 328.*

*Jirriżulta illi ebda dokument minn dawk esebiti ma fih klawsola illi permezz tagħha l-Kunsill attur assenja jew ittrasferixxa l-obbligi kollha tiegħu lill-kuntrattur. Huwa ben ċar illi fil-kuntratt kull parti ġġorr il-piż tar-responsabbiltà tagħha u dak kollu illi jsegwi minn tali responsabbiltà. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-Kunsill attur jirreferi għal klawsola 21 tal-kuntratt u skontu l-istess kuntrattur irid jindennizza lill-Kunsill għal kull inkonvenjent u ħsara jew disturb. Ikompli jislet l-argument illi għalhekk il-kuntrattur irid iħallas l-ammont kollu inkluż sehem il-Kunsill mid-danni illi ġew mogħtija mill-Qorti u dan ai termini tal-istess klawsola 21. Il-Qorti, iżda ma tikkondividix dan l-argument għax mibni fuq interpretazzjoni żbaljata għall-aħħar. Klawsola 21 tipprevedi sitwazzjoni fejn il-Kunsill ikun kostrett iħallas għall-ħsara jew jidħol f'xi spiża li tkun tirriżulta illi ġiet ikkaġunata minn nuqqas tal-kuntrattur. F'każ bħal dak, fejn ir-responsabbiltà tal-ħsara tkun tal-kuntrattur, allura dan irid jindennizza lill-Kunsill għall-ispiża illi dan jagħmel tort tiegħu. Fil-każ in eżami iżda ma hux hekk għax il-Qorti tal-Appell ikkonfermat dak deċiż mill-Qorti tal-Prim'Istanza li sabet liż-żewg partijiet ħatja ndaqs jiġifieri kull parti kellha responsabbiltà indipendentement mill-oħra u għalhekk kull parti trid tħallas sehemha mid-danni. Fis-sentenza ġa ċitata l-Qorti identifikat ir-responsabbiltà tal-Kunsill bħala waħda ta' superviżjoni jiġifieri li jara illi l-kuntratt jiġi eżegwit mingħajr ma jinħoloq periklu u mill-banda l-oħra qalet illi r-responsabbiltà tal-kuntrattur kienet tikkonsisti f' li jagħmel ix-xogħol u jara illi ma jkunx hemm periklu. Dawn iż-żewġ tipi ta' responsabbiltà huma distinti minn xulxin għax ir-responsabbiltà tal-Kunsill attur hija ta' natura regolatorja filwaqt li r-responsabbiltà tal-kuntrattur hija ta' fornitur ta' servizz. Minn dan isegwi li ġaladarba l-Kunsill ħallas id-danni kollha hu, il-Kuntrattur irid iħallas sehmu biss minnhom.*

*Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti ma hix ser tagħmel analiżi tar-responsabbiltajiet ta' kull parti fil-kuntratt għax dan l-eżami diġà sar mill-Qorti fil-kawża istitwita mill-konjuġi Grech kontra l-partijiet fil-kawża odjerna u infatti r-responsabbiltà ta' kull waħda minnhom ġiet ikkonfermata fl-istadju ta' l-Appell fejn ġie ritenut:*

> *«Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li f'dan il-każ, għalkemm ix-xogħol attwalment sar mill-kuntrattur, il-Kunsill Lokali xorta kien baqagħlu l-obbligu li jara li l-kuntratt jiġi eżegwit mingħajr ma nħoloq periklu għall-*

*pubbliku, u li jekk jirriżultalu li hemm xi nuqqas kellu jieħu dawk il-miżuri biex jirrimedja s-sitwazzjoni.... il-każ in eżami l-Kunsill Lokali kien jaf li x-xogħol ma kienx għadu kompletat, għalkemm kienu għaddew diversi ġimgħat....... Il-Kunsill għalhekk hu responsabbli wkoll għall-akkadut billi messu ssorvelja aktar meta kien evidenti li t-triq kienet għadha qed tintuża mill-pubbliku għalkemm ix-xogħol ma kienx għadu kompletat u bil-periklu li dan iġib miegħu.»*

*L-istess Qorti tal-Appell qalet hekk fuq ir-responsabbiltà tal-Kuntrattur, illum konvenut:*

*«Din il-Qorti ftit li xejn għandha x'iżżid ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti u l-espert minnha nominat dwar il-ħtija ta' din l-appellanti. Ix-xogħol tħalla inkompletat għal għadd ta' ġimgħat; għalhekk it-traskuraġni tas-soċjetà ma kinitx waħda momentarja u r-residenti tat-triq jew min kellu garaxx baqa' juża din it-triq. Kien perikoluż li l-appellanti tħalli t-tappieri bix-xifer mikxuf 'il fuq xi tliet pulzieri mil-livell tat-triq wara li din tqaxxret u li dawn it-tappieri jitħallew mingħajr sinjal.....*

*Din il-Qorti reġgħet eżaminat il-provi u x-xhieda li ġew prodotti f'dan ir-rigward u taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar ir-responsabbiltà ta' Gatt Asphalting Limited»*

*Rigward it-tqassim ta' responsabbiltà l-Qorti tal-ewwel istanza kienet ikkonkludiet illi :*

*«Għaldaqstant tikkonkludi dwar ir-responsabbiltà billi ssib liż-żewġ konvenuti Gatt Asphalting Limited u l-Kunsill Lokali ta' Victoria, ħatja ndaqs għall-akkadut.»*

*Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat dan billi wasslet sabiex «Tikkundanna lill-istess appellanti jħallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi in solidum bejniethom.»*

*Dan ma jfisser xejn għajr illi fl-istadju tal-Appell kien ikkonfermat illi l-ħtija tal-akkadut kien taż-żewġ partijiet indaqs. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi l-kuntratt illi għalih jagħmlu referenza ampja l-partijiet kien parti mill-atti fil-kawża għad-danni u din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi sar eżami akkurat tiegħu mill-Qorti illi fl-aħħar mill-aħħar ikkonkludiet illi r-responsabbiltà hija in solidum. Huwa għalkollox inutili li f'din il-kawża għalhekk il-partijiet jittentaw iqajmu argumenti illi jolqtu r-responsabbiltà tagħhom taħt l-istess kuntratt u dana għax il-materja llum għaddiet in ġudikat.*

*Irid jingħad ukoll illi l-aċċertament tan-ness ta' kawżalità ġie investigat mill-Qorti adita mill-mertu. Il-Qorti, Prim'Awla għamlet il-valutazzjonijiet tagħha tal-elementi kollha tal-fattispeċi u sabet illi n-ness kawżali fil-produzzjoni tal-event tad-dannu subit minn Grech kien attribwibbli lill-kondotta taż-żewġ partijiet fil-kawża. Din il-konklużjoni kienet ikkonfermata fl-Appell.*

*Barra minn hekk il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-klawsola*

*23 tal-kuntratt mogħtija mill-Kunsill attur ċjoè li in forza ta' din il-klawsola l-kuntrattur intrabat li jagħmel tajjeb għad-danni illi għalihom instab responsabbli l-Kunsill attur billi dik il-klawsola bħal klawsola 21 torbot lill-Kuntrattur sa fejn twassal ir-responsabbiltà tiegħu biss u mhux oltre dan. In fatti l-***Artikolu 1031 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta*** *jipprovdi illi kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha.*

*Il-Kuntrattur da parti tiegħu jirribatti l-argumenti sollevati mill-Kunsill attur billi jargumenta li huwa wettaq xogħlijiet aktar minn dak illi attwalment kien identifikat fil-kuntratt. Dawn ix-xogħlijiet hekk imsejħa «extra» tħallsu iżda ma kienx hemm tibdil fil-kuntratt oriġinali u għalhekk il-klawsoli tal-kuntratt ma japplikawx sa fejn għadhom x'jaqsmu dawn ix-xogħlijiet żejda. Il-Qorti iżda tirreferi għal dak illi diġà ntqal aktar 'il fuq u ttenni li l-kuntratt ma fih ebda klawsola li permezz tagħha l-Kunsill attur assenja xi dritt jew obbligazzjoni lill-kuntrattur. Kull parti kellha ġġorr il-piżijiet tar-responsabbiltajiet tagħha u dak kollu illi jirriżulta mit-twettiq jew nuqqas tiegħu.*

*Matul il-prosegwiment tal-kawża tqajmu diversi argumenti mill-partijiet liema argumenti jistiednu lil din il-Qorti sabiex tevalwa r-responsabbiltajiet tal-partijiet individwali fil-konfront tal-inċident. Il-Qorti iżda ma hix ser tilqa' din l-istedina għax il-mertu rigward ir-responsabbiltà llum għadda in ġudikat.*

*Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tqis it-talbiet tal-Kunsill attur waħda waħda. Rigward l-ewwel talba li kienet talba sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ jew kif aħjar magħrufa, giljottina, mill-atti jirriżulta illi din it-talba ġiet trattata fis-seduta tat-18 ta' Diċembru, 2012 u għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.*

*Rigward it-tieni talba u-tielet talbiet li permezz tagħhom il-Kunsill attur qed jitlob lill-Qorti tiddikjara lis-soċjetà konvenuta għandha tindennizza lill-Kunsill attur fis-somma ta' dsatax-il elf erba' mija u ħdax-il ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€19,411.59) flimkien mal-imgħax u għalhekk l-istess soċjetà konvenuta għandha tiġi kkundannata tħallas l-ammont hekk mitlub, il-Qorti fid-dawl ta' dak ġja deċiż u li llum jirriżulta res judicata u ċjoè illi l-partijiet fil-kawża ġew dikjarati responsabbli ndaqs mill-Qorti tal-Appell, tqis li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas sehemha mid-danni likwidati liema danni iżda ma jammontawx għas-somma pretiża mill-Kunsill attur. L-ammont illi ġie ddepożitat ġudizzjarjament mill-fondi tal-Kunsill attur fil-Bank of Valletta in segwitu tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kien ta' tlettax–il elf, sitt mija ħamsa u sittin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€13,665.85). Jirriżulta wkoll mill-att tal-mandat innifsu illi dan l-ammont jirrappreżenta s-sorte kif ukoll it-taxxa dovuta. Il-Qorti hija tal-fehma illi s-soċjetà konvenuta għandha tħallas nofs dan l-ammont dunque s-somma ta' sitt elef, tmien mija tnejn u tletin ewro u tnejn u disgħin (€6,832.92).*

*Irid jingħad illi l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tħallas sehemha mid-danni twieled malli ngħatat is-sentenza mill-Qorti ta' l-Appell. Konsegwentement il-Kunsill Lokali ħallas is-somma kollha u għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi l-imgħax dovut għandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ammont ġie żbankat minn George Grech.»*

14. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex appella b'rikors tal-14 ta' Lulju, 2020, u hemmhekk huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex *«tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti inkwantu ma' ordnatx lis-soċjetà Gatt Asphalting Limited biex tindennizza lill-esponenti s-somma mitluba kollha ta' €19,411.59, bl-imgħax, [u] bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata.»*

15. Bi tweġiba mressqa fit-12 ta' Awwissu, 2020, Gatt Asphalting Limited (minn issa 'l hemm imsejħa wkoll bħala *«il-kumpanija appellata»*) ressqet ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell tal-Kunsill Lokali għandu jiġi miċħud. B'żieda ma' dan, Gatt Asphalting Limited, talbet ukoll lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-Kunsill Lokali appellant iħallasha l-ispejjeż għal darbtejn u dan billi, fi kliemha, l-appell sar fil-vojt u bil-għan ta' inkejja.

16. Inżamm smigħ fit-23 ta' Mejju 2024, u minbarra li f'dik is-seduta l-avukati tal-partijiet stqarrew li m'għandhomx oġġezzjoni li l-appell jinstema' mill-Qorti kif impoġġija, trattaw l-appell, u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

17. B'dan l-appell, il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex qiegħed jattakka s-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' erba' aggravji. Peress li dawn l-aggravji jidħlu f'xulxin, il-Qorti sejra tkun qiegħda tqishom flimkien.

18. Prinċipalment, il-Kunsill Lokali appellant qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti fehmet ħażin klawsola 21 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt inkwistjoni.

19. F'dan is-sens, il-Kunsill jisħaq li l-effetti ta' dik il-klawsola ma kellhomx jitqiesu li huma biss għal dawk il-ħsarat jew spejjeż li jirriżultaw minn xi nuqqas tal-kuntrattur biss, iżda għal kull xorta ta' ħsarat jew spejjeż, huma x'inhuma, li setgħu jirriżultaw matul it-twettiq tal-kuntratt.

20. Jissokta billi jargumenta li l-Ewwel Qorti interpretat l-effetti ta' klawsola 21 b'mod dejjaq ħafna, li ma jirriflettix dak li hemm miktub fiha.

21. Skont il-Kunsill, interpretazzjoni siewja ta' klawsola 21 tal-kuntratt kellha għalhekk twassal lill-Ewwel Qorti sabiex tikkundanna lil Gatt Asphalting Limited tħallsu is-somma kollha mitluba minnu f'din il-kawża.

22. Il-Kunsill jilmenta wkoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti qalet li hija ma kinitx

sejra tagħmel stħarriġ mill-ġdid tar-responsabbiltajiet tal-partijiet, għaliex tali stħarriġ diġà twettaq fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***George Grech et v. Direttur tat-Toroq et****,* mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2009.

23. F'dan is-sens, jisħaq li fis-sentenza tas-26 ta' Ġunju, 2009, il-Qorti ma qagħditx tidħol fir-responsabbiltajiet kuntrattwali ta' bejnu u bejn Gatt Asphalting Limited, u minflok, il-Qorti stħarrġet biss il-kwistjoni mil-lenti tal-ħtija akwiljana. Jinsisti li l-azzjoni tal-lum hija dwar responsabbiltà kuntrattwali u mhux dwar ħtija akwiljana, u fid-dawl ta' dan, jargumenta li l-kwistjoni ta' responsabbiltà ma setgħetx għaddiet f'ġudikat bis-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2009, anke għaliex l-oġġett ta' dik il-kawża u ta' din il-kawża mhumiex l-istess, u lanqas il-partijiet fil-proċeduri ma huma l-istess.

24. Itenni li l-Ewwel Qorti kellha għalhekk tgħarbel ir-responsabbiltajiet tal-partijiet fid-dawl tal-kuntratt inkwistjoni, u mhux tqis li l-kwistjoni tar-responsabbiltà diġà ġiet deċiża fis-sentenza tas-26 ta' Ġunju, 2009.

25. Ilment ieħor tal-Kunsill appellant huwa mbagħad dwar l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-Kunsill assenja jew waddab l-obbligi kollha tiegħu fuq il-kuntrattur.

26. Għalkemm jistqarr li ma hemm l-ebda klawsola fil-kuntratt, li biha l-Kunsill għadda l-obbligi kollha tiegħu lill-kuntrattur, huwa jargumenta li n-nuqqas ta' tħaris tal-obbligi li huwa nstab responsabbli għalihom fil-kawża fl-ismijiet ta' ***George Grech et v. Direttur tat-Toroq et***, kienu ġew assenjati lil kumpanija appellata, u dan permezz ta' klawsola 21(c) tal-kuntratt, li fiha tniżżel b'mod ċar kif il-kuntrattur kellu jipprovdi l-barrikati, is-sinjali u dawk id-dwal meħtieġa għall-ħarsien tal-membri tal-pubbliku.

27. Il-Kunsill appellant jirraġuna li huwa mill-aktar ovvju li meta l-kumpanija appellata ma ħaditx il-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex tevita li jsir xi inċident fit-triq li kienet qiegħda taħdem fuqha, hija wasslet biex għamlet ħsara lil George Grech, u b'konsegwenza ta' dan hija kellha tindennizza lill-Kunsill għall-ispejjeż li dan spiċċa biex ħallas lil George Grech għad-danni li ġarrab. Jisħaq għalhekk li fir-relazzjoni interna ta' bejniethom, kienet il-kumpanija appellata, li bħala l-kuntrattur, kellha tagħmel tajjeb għall-ħsara kollha li rriżultat mill-inċident li kellu George Grech.

28. F'dan il-qafas, il-Kunsill jirreferi wkoll għal klawsola 23 tal-kuntratt u jinsisti li l-Ewwel Qorti kellha tagħti effett lil dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet permezz tal-kuntratt inkwistjoni u dan dejjem skont il-prinċipju fundamentali ta' *pacta sunt servanda,* li huwa wkoll imnaqqax fl-**Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili**.

29. B'żieda ma' dan, il-Kunsill jsemmi wkoll klawsola 19 tal-kuntratt, li biha l-kumpanija appellata assumiet l-obbligazzjoni li jkollha polza ta' assigurazzjoni li tkopri wkoll lill-Kunsill f'każ ta' korriment ta' persuna jew mewt. Ifisser li mill-istess klawsola jirriżulta li dak l-obbligu huwa *«bla ħsara għall-obbligazzjoni li jindennifika l-Kunsill Lokali»* u skont il-Kunsill, tali klawsola turi wkoll l-estent ta' kemm il-kumpanija appellata hija responsabbli li tħallsu l-ammont kollu mitlub minnu f'din il-kawża.

30. Il-Kunsill jgħid ukoll li matul il-kawża, Mario Gatt, li huwa azzjonist ta' Gatt Asphalting Limited ma kienx jidher li qiegħed jikkontesta l-obbligu tal-kumpanija appellata li tindennizzah għal dawk l-ispejjeż jew danni li jirriżultaw b'rabta mal-kuntratt mogħti lilha, iżda ta x'jinftiehem li dak il-ftehim ma kienx baqa' fis-seħħ għaliex il-kumpanija tqabbdet tagħmel xogħlijiet ġodda.

31. Fl-aħħar parti tal-appell, il-Kunsill, għal darba oħra jtenni li fil-kawża ta' ***George Grech et v. Direttur tat-Toroq et***, il-Qorti ma qagħditx tidħol f'dak li ġie miftiehem fil-kuntratt inkwistjoni bejn il-partijet f'din il-kawża u f'dan l-isfond, il-Kunsill jirreferi għall-klawsola bin-numru 27, li fiha tniżżel kif xi nuqqas min-naħa tal-Kunsill li jenforza d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt m'għandux ikollu effett fuq is-siwi tal-kuntratt jew fuq id-dritt tal-Kunsill li jenforza xi dispożizzjoni tal-istess kuntratt.

32. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill Lokali appellant jikkonkludi li minkejja li huwa ma rax jekk il-kumpanija appellata kinitx qiegħda tiżgura li ma jkunx hemm periklu hija u twettaq ix-xogħol, u li tipprovdi l-barrikati, is-sinjali u d-dwal meħtieġa għall-ħarsien tal-ħaddiema tagħha u tal-pubbliku b'mod ġenerali, dan bl-ebda mod ma fisser li l-kuntratt ma kienx baqagħlu effett jew inkella li l-kumpanija appellata setgħet tonqos mill-obbligazzjonijiet tagħha.

33. Fil-fehma tal-Qorti, l-appell tal-Kunsill Lokali mhuwiex mistħoqq, u dan għal numru ta' raġunijiet.

34. Ibda biex, il-Kunsill Lokali appellant qiegħed jitlaq fuq sieq ħażina meta qiegħed jinsisti li skont il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt inkwistjoni, u speċjalment bi klawsola 21, Gatt Asphalting Limited, bħala l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet, tgħabbiet bl-obbligu li tagħmel tajjeb għal kull xorta ta' spejjeż u proċeduri, huma x'inhuma, li l-Kunsill seta' jsib ma' wiċċu, b'konsegwenza ta' xi ħsarat li setgħu jiġru matul it-twettiq tal-kuntratt.

35. Għalkemm huwa kollu minnu li klawsola 21(a) tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt taqra, li l-kuntrattur kien marbut li jwettaq is-servizz li tqabbad jagħmel, mingħajr ma jikkawża ħsarat, u li huwa kellu

*«jindennifika lill-Kunsill Lokali minn u kontra kull responsabbiltà għal xi spiża jew nuqqas li jkun sar minħabba...ħsara...fit-twettiq tal-kuntratt»,* madankollu, dik il-klawsola ma tistax tinqara waħidha daqslikieku kienet l-unika klawsola li hemm fil-kuntratt inkwistjoni, iżda għandha tinftiehem fid-dawl tal-bqija tal-klawsoli l-oħra li hemm fil-kuntratt, biex b'hekk tiġi meqjusa f'kuntest sħiħ u organiku (ara ***Samchrome FZE v KDK Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2023, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija).

36. B'mod partikolari, ir-responsabbiltajiet tal-kumpanija appellata fi klawsola 21 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt inkwistjoni, għandhom jinqraw fid-dawl ta' klawsola 23 tal-istess kuntratt, li ġġib l-isem ta' *«Responsabbiltà tal-Kuntrattur»,* u li wara kollox il-Kunsill Lokali stess irrefera għaliha, kemm fil-premessi tar-rikors maħluf, li bih beda din il-kawża, kif ukoll fl-ittri interpellatorji (f'paġni 118 u 120 tal-atti tal-kawża), li bihom ġera wara Gatt Asphalting Limited sabiex tħallsu l-ammont mitlub f'din il-kawża.

37. Minn titwila lejn l-ewwel paragrafu ta' klawsola 23, jirriżulta li r-responsabbiltà ta' indennizz min-naħa tal-kuntrattur *«kontra kull danni, spejjeż, telf, talbiet jew proċeduri li joħorġu minn, jew matul, jew minħabba l-Kuntratt»,* ma tħallietx miftuħa beraħ bħalma qiegħed jippretendi ħażin il-Kunsill appellant, iżda ġiet tabilħaqq kwalifikata bil-

frażi «***li għalih il-Kuntrattur hu legalment responsabbli.***»

38. Għal din il-Qorti, il-kwalifika li għadha kif issir referenza għaliha hija ċara biżżejjed, u turi kif il-Kunsill appellant ma seta' qatt jippretendi li l-kuntratt inkwistjoni kien jagħtih xi jedd li jiġbor mingħand Gatt Asphalting Limited, dawk l-ispejjeż jew danni, li saħansitra setgħu jirriżultaw tort tan-nuqqasijiet tiegħu (jiġifieri tal-Kunsill Lokali) stess.

39. Fl-aħħar mill-aħħar, huwa prinċipju ewlieni tad-dritt li ***ex turpi causa non oritur actio***, li maqlub għal Malti jfisser li ħadd ma jista' jitħalla jieħu vantaġġ min-nuqqasijiet li jirriżultaw b'għemilu stess (ara ***Dr. Josè Herrera nomine v. Tancred Tabone et nomine*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-22 ta' Jannar, 1992). Barra minn hekk huwa wkoll mifhum u aċċettat li l-kuntratti għandhom jiġu mfissra u mwettqa b'rieda tajba, u dan b'tali mod li l-obbligazzjonijiet li jkun hemm imniżżla fihom jagħmlu sens (ara ***Santumas Shareholdings plc v. C&M Contractors Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

40. F'ġieħ is-sewwa ma jagħmilx sens li l-kumpanija appellata għandha tikkumpensa lill-Kunsill għal dawk l-ispejjeż u flejjes oħra li jkunu nħarġu minħabba xi nuqqas tal-Kunsill stess. Tħares minn fejn tħares għalhekk din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-effetti ta' klawsola 21 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt, għandhom japplikaw biss sa fejn

il-Kunsill ikun ħallas għall-ħsarat jew inkella daħal fi spejjeż b'konsegwenza ta' xi ħsarat li jkunu ġraw bi ħtija tal-kumpanija appellata.

41. Dan kollu jwassal ukoll lill-Qorti għall-fehma, li l-fatt innifsu li l-ammont mitlub mill-Kunsill Lokali jirrappreżenta danni u spejjeż li huwa spiċċa ħallas minn butu b'konsegwenza ta' inċident li seħħ fiż-żmien u fl-istess triq li fiha Gatt Asphalting Limited tqabbdet tagħmel ix-xogħlijiet, ma jagħmilx lill-Gatt Asphalting Limited awtomatikament responsabbli għal dak il-ħlas.

42. Kif rajna, ir-responsabbiltà ta' indennizz min-naħa ta' Gatt Asphalting Limited kienet biss sa fejn il-ħsara tirriżulta bi ħtija tagħha stess, u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha bilfors tqis jekk il-ħsara li ġarrab George Grech, wara li waqa' b'mutur u weġġa' fit-triq, li kienet qiegħda taħdem fuqha Gatt Asphalting Limited, ġratx bi ħtija ta' Gatt Asphalting Limited jew le.

43. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, f'dan il-każ, ir-responsabbiltà għall-ħsara li ġarrab George Grech, diġà però ġiet ġudizzjarjament stabbilita fil-kawża fl-ismijiet ta' ***George Grech et v. Direttur tat-Toroq et***, li ilha li għaddiet f'ġudikat xejn inqas minn ħmistax-il sena ilu. Fost il-konvenuti li George Grech u martu ħarrku fil-kawża msemmija, kien hemm kemm il-Kunsill Lokali appellant, kif ukoll Gatt Asphalting Limited. Jiġi b'hekk li s-

sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2009, torbot u tagħmel stat fil-konfront taż-żewġ partijiet f'din il-kawża.

44. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Ewwel Qorti għamlet għalhekk sewwa li qagħdet fuq dak li ġie deċiż fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***George Grech et v. Direttur tat-Toroq et**,* meta ġiet biex tqis minn kellu tort għall-ħsara li ġarrab George Grech — li fl-aħħar mill-aħħar kienet ir-raġuni ewlenija għalfejn il-Kunsill appellant spiċċa biex ħareġ il-flejjes mitluba minnu f'din il-kawża.

45. Minn ħarsa lejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Ġunju, 2009 (f'paġni 44 sa 71 tal-atti tal-kawża) jirriżulta li kemm Gatt Asphalting Limited, kif ukoll il-Kunsill Lokali appellant ikkontribwew b'mod indaqs għall-ħsara mġarrba minn George Grech fl-inċident li kellu fis-16 ta' April, 1998, u għalhekk l-Ewwel Qorti ddeċidiet sewwa li l-Kunsill appellant ma jistax jippretendi li huwa għandu d-dritt li jiġbor mingħand Gatt Asphalting Limited, il-flejjes kollha mitluba minnu f'din il-kawża — li fosthom hemm dawk li jirrappreżentaw id-danni li skont il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***George Grech et v. Direttur tat-Toroq et***, irriżultaw minħabba n-nuqqasijiet tal-Kunsill stess.

46. Din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-Kunsill appellant ma jistax jippretendi li jaħrab mir-responsabbiltà minħabba l-fatt li George Grech

weġġa' bil-mutur għaliex rifes fuq tappiera li ma kellha l-ebda sinjali, u li skont klawsola 21(ċ) tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt, il-kuntrattur kellu jipprovdi l-barrikati meħtieġa, il-passaġġi, is-sinjali u d-dwal għall-ħarsien tal-membri tal-pubbliku.

47. Irrispettivament mill-obbligi li l-Kunsill għabba bihom lill-kumpanija appellata, il-Kunsill xorta waħda baqa' legalment obbligat li jiżgura li x-xogħlijiet imwettqa fuq struzzjonijiet tiegħu, isiru mingħajr ma joħolqu periklu għaċ-ċittadin (ara ***Caroline Debono v. Kunsill Lokali Nadur*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju, 2010).

48. Barra minn hekk, il-Kunsill appellant xorta waħda baqa' mgħobbi bir-responsabbiltà li jieħu dawk l-azzjonijiet f'waqthom sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni f'każ li jara li jkun hemm xi nuqqas min-naħa tal-kuntrattur, u dan anke billi jagħmel is-sinjali huwa stess sabiex iwissi lill-pubbliku dwar il-periklu (ara ***Avv. James D'Agostino nomine v. Hotel San Antoino p.l.c et*** mogħtija mill-Qorti tal-appell fil-4 ta' Mejju, 2022).

49. F'dan il-każ, jirriżulta biċ-ċar li l-Kunsill naqas milli jagħmel dan. Tant hu hekk, li fl-aħħar parti tar-rikors tal-appell, il-Kunsill stess saħansitra stqarr li *«...għalkemm* ***il-Kunsill <u>ma rax</u> jekk il-kuntrattur kienx qed jara illi ma jkunx hemm periklu huwa u jwettaq ix-xogħol, u li jipprovdi l-barrikati neċessarji, sinjali u dwal għall-protezzjoni***

***tal-impjegati, membri tal-pubbliku u dawk li jużaw il-faċilitajiet,*** *dan bl-ebda mod ma kien jfisser li l-kuntratt ma kienx baqagħlu effett jew li l-Kuntrattur seta' jonqos mill-obbligi tiegħu»* (l-enfasi hija tal-Qorti).

50. Il-Qorti tistqarr li hija mistgħaġba mhux ftit b'dan ir-raġunament fqir u irresponsabbli min-naħa tal-Kunsill appellant. Daqskemm in-nuqqas ta' infurzar tal-kuntratt min-naħa tal-Kunsill ma ħelisx lill-kumpanija appellata mill-obbligi kuntrattwali li daħlet għalihom, daqstant ieħor li l-obbligazzjonijiet li refgħet il-kumpanija appellata fil-kuntratt ma ħelsux lill-Kunsill Lokali mill-obbligi legali tiegħu li jiżgura li fit-triq li fiha kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet ma jkunx hemm periklu għall-pubbliku u dan billi fost l-oħrajn jiżgura li jkun hemm is-sinjali kollha meħtieġa sabiex iwissu lill-pubbliku dwar il-periklu li seta' kien hemm. Tassew, hija l-liġi stess li biha twaqqfu l-Kunsilli Lokali li fl-aħħar mill-aħħar kienet torbot lill-istess Kunsill sabiex *«jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skont livelli nazzjonali u internazzjonali»* (ara l-**Artikolu 33(1)(d) tal-Att tal-1993 Dwar Kunsilli Lokali**).

51. Il-Qorti hija wkoll konvinta li f'dan il-każ, il-Kunsill kien jaf sewwa bin-nuqqasijiet tal-kumpanija appellata, tant li sa ġimagħtejn biss qabel ma' George Grech weġġa' bil-mutur, il-Kunsill bagħat ittra lir-rappreżentant ta' Gatt Asphalting Limited (f'paġna 253 tal-atti tal-kawża) fejn wissieh li:

*«Il-Kunsill jinsab iddiżgustat bl-atteġġament tiegħek u bil-mod ta' kif qed timxi miegħu fir-rigward ta' kisi bit-tarmac it-toroq speċjalment dwar Triq 8 ta' Diċembru.*

*Il-mod ta' kif qed timxi mal-Kunsill m'intix tobdi r-regolamenti imposti fuq l-offerta u l-istess Kunsill qed fi stadju li jitterminalek l-offerta u x'possibbiltà hemm li offerti oħra ma jingħatawlekx iżjed.» (sic!)*

52. Minkejja dan, mill-kontroeżami tas-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill Lokali appellant (f'paġni 206 u 207 tal-atti tal-kawża), kif ukoll mill-istqarrijiet li l-Kunsill stess għamel fir-rikors tal-appell (f'paġna 463 tal-atti tal-kawża), jirriżulta li l-Kunsill baqa' jdejh fuq żaqqu u ma ħa l-ebda passi konkreti kontra Gatt Asphalting Limited jew żgura li jirrimedja n-nuqqasijiet tagħha huwa stess.

53. Li kieku l-Kunsill mexa kif kellu jimxi, l-inċident li ġarrab George Grech x'aktarx seta' jiġi evitat. Kemm minħabba f'hekk, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li skont il-kuntratt inkwistjoni, ir-responsabbiltà tal-Kuntrattur li jindennizza lill-Kunsill hija biss sa fejn il-Kunsill ikun spiċċa li ħareġ xi flejjes b'konsegwenza ta' xi ħsara li tiġri bi ħtija tal-kuntrattur, il-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex mhumiex fejjieda u għalhekk l-appell sejjer ikun qiegħed jiġi miċħud.

54. Għalkemm il-Qorti sejra tkun qiegħda tiċħad l-appell, il-Qorti però xorta waħda ma jidhrilhiex li għandha tilqa' t-talba ta' Gatt Asphalting Limited, sabiex il-Kunsill appellant jiġi kkundannat iħallasha l-ispejjeż għal darbtejn, u dan billi, il-Qorti ma jidhrilhiex li jeżistu l-estremi msemmija fl-

**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-Kunsill Lokali Victoria u b'hekk tikkonferma għalkollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' Ġunju, 2020.

L-ispejjeż marbuta mas-sentenza appellata għandhom jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li dawk tal-appell, għandhom jitħallsu kollha mill-Kunsill Lokali appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da